**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 61/2018**
**Wara sentenza tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data datata 26 ta' April, 2018**

**Intrapriza ta' Malta**

**vs.**

**Il-Kummissajru ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, Allied Newpapers Limited, Jacob Borg ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tal-kumpanija ntimata Allied Newpapers Limited u l-intimat Jacob Borg minn decizjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data datata 26 ta' April, 2018 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tal-Intrapriza ta' Malta u li ghalhekk id-dokument rikjest m'ghandux jigi provdut lill-Kummissarju appellat u/jew lil Allied Newspapers Limited u/jew lil Jacob Borg ghal kull interess li jista' jkollu u dan ghar-ragunijiet moghtija f'din id-decizjoni.'*

2. Illi din id-decizjoni appellata ssegwi appell ta' Intrapriza ta' Malta quddiem it-Tribunal ai termini tal-artikolu 39 tal-Att Dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni, Kap. 496 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fl-ewwel lok gew esposti l-fatti segwenti:

*'2. Illi fit-24 ta' Novembru 2016, permezz ta' formola ghat-talba ta' dokument jew informazzjoni (ara* ***Dok ME1*** *hawn anness), l-appellati Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg talbu sabiex permezz ta' ittra elettronika tintbaghat lilhom kopja ta' "Memorandum of Understanding signed between the government and Bluestone Funds and/or Oxley Capital and/or Vitalis Global Healthcare and/or Bluestone Special Situation 4 and/or Vitals Global Healthcare prior to March 2015".*

*3. Illi fl-istess jum, u cioe' fl-24 ta' Novembru 2016, l-appellati Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg gew infurmati illi t-talba taghhom kienet fi hdan is-Segretarjat Permanenti tal-Ministeru ghas-Sahha u li tali talba kellha tigi riveduta mill-Ufficcjal ghal-Liberta' tal-Informazzjoni;*

*4. Illi fid-19 ta' Dicembru 2016, l-appellati Allied Newspapers Limited/ Jacob Borg gew infurmati illi t-talba taghhom kienet giet riferuta lill-*

*Intrapriza ta' Malta u li tali talba kellha tigi riveduta mill-Ufficcjal ghal-Liberta' tal-Informazzjoni;*

*5. Illi fit-22 ta' Diċembru 2016, l-Intrapriza ta' Malta nfurmat lill-appellati Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg li t-talba taghhom kellha tigi estiza b'ghoxrin gurnata minhabba l-fatt li l-Awtorita' Pubblika kellha bzonn tikkonsulta ma' terzi partijiet qabel tkun tista' tiehu decizjoni fuq din it-talba u li ghalhekk kellha bzonn aktar zmien sabiex tikseb it-twegiba mehtiega;*

*6. Illi fl-24 ta' Jannar 2017, l-Intrapriza ta' Malta nfurmat lill-appellati Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg illi t-talba taghhom giet rifjutata peress illi n-negozjati ma' intraprizi barranin fuq investiment fl-isptarijiet huma koperti bil-kunfidenzjalità mposta skont l-Artiklu 21 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta u l-Artiklu 33 tal-Att dwar il-Promozjoni tan-Negozju, f'liema risposta ta' rifjut l-Intrapriza ta' Malta nnutat ukoll illi l-kuntratti eventwalment konkluzi wara sejha ghall-offerti kienu gew ippubblikati;*

*7. Illi fl-1 ta' Frar 2017 Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg issottomettew lanjanza (Complaint to Public Authority) li permezz taghha regghu nsistew illi jinghataw kopja tad-dokument mitlub;*

*8. Illi fis-6 ta' Frar 2017 l-Intrapriza ta' Malta wiegbet ghal-lanjanza tal-intimati Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg billi regghet tenniet illi n-negozjati mal-investituri barranin dwar investiment fl-isptarijiet huma*

*kunfidenzjali skont l-Artiklu 21 tal-Att dwar l-Intrapriza ta' Malta u l-Artiklu 33 tal-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju;*

*9. Illi fis-7 ta' Marzu 2017, l-ufficcju tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, b'referenza ghat-talba ta' l-appellati Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg, informa lill-Intrapriza ta' Malta li l-appellati Allied Newpapers Limited/ Jacob Borg kienu talbu lill-appellat Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data sabiex jikkunsidra, ai termini tal-poteri tiegħu taħt l-Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni (Kapitolu 496), id-decizjoni finali li ttiehdet mill-Intrapriza ta' Malta fis-6 ta' Frar 2017;*

*10. Illi l-istess ittra serviet ukoll ta' avviz ta' informazzjoni maħrug mill-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data skont l-Artiklu 24 tal-Kap 496 permezz ta' liema il-Kummissarju estenda lill-Intrapriza ta' Malta l-opportunità illi tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri ghal dawk diġa' magħmula u wkoll sabiex tissottometti lill-istess Kummissarju kopja tad-dokument mitlub mill-intimati u/jew dokumenti ohra relatati.*

Konsegwentement permezz tal-appell taghha quddiem it-Tribunal Intrapriza Malta talbet li t-Tribunal jikkonferma li l-informazzjoni kollha illi tigi fil-pussess tal-Intrapriza ta' Malta fl-amministrazzjoni tal-funzjonijiet taghha skont l-Att dwar l-Intrapriza ta' Malta u/jew skont l-Att Dwar il-Promozzjoni tan-Negozji hija milquta bl-obbligu ta' kunfidenzjalita' w'ghalhekk jiddikjara li t-talba tal-

appellanti Allied Newpapers Limited/Jacob Borg ma tistax tintlaqa' u jirrevoka u jhassar l-avviz ta' informazzjoni datat 7 ta' Marzu, 2017.

Da parti tieghu l-Kummissarju appellat fir-risposta tieghu quddiem it-Tribunal ma qabilx mas-sottomissjoni tal-Awtorita' appellata odjerna li d-dokumenti mizmuma mill-Intrapriza ta' Malta huma ezenti mill-iskop u l-applikabilita' tal-Att Dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni u talab li l-appell quddiem it-Tribunal jigi michud.

3. Illi t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu wara li kkunsidra kif isegwi:

*'Ra r-rikors tal-appell tal-Intrapriza ta' Malta mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tas-7 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu l-Kummissarju talab lill-Intrapriza ta' Malta sabiex ai termini tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni jipprovdi lill-Kummissarju kopja tal-Memorandum of Understanding iffirmat bejn il-Gvern u Bluestone Funds u/jew Oxley Capital u/jew Vitalis Global Healthcare u/jew Bluestone Special Sitaution #4 u/jew Vitals Global Healthcare qabel Marzu 2015 sabiex huwa jkum jista' jikkonsidra t-talba maghmula minn Jacob Borg ghan-nom tat-Times of Malta ai termini tal-Att Dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni sabiex jinghata kopja tal-istess Memorandum of Understanding.*

*Li l-Intrapriza ta' Malta rrifjutat li taghti tali dokumenti u nterponiet dan l-appell bazat fuq is-segwenti aggravju:*

*Li kull min jahdem mal-Korporazzjoni appellanti huwa marbut bil-gurament ta' kunfidenzjalita' ai termini tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji (Kapitolu 325) senjatament l-artikoli 33 u 38, kif ukoll ai termini tal-Att dwar l-Intrapriza ta' Malta (Kapitolu 463). . . .*

*Bhala fatti Jacob Borg ghan-nom tat-Times of Malta ghamel din it-talba lill-appellanti ghall-kopja tad-dokumenti mertu ta' dan l-appell a bazi tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta liema talba giet michuda mill-appellanti. Saret talba lill-Kummissarju appellat li min-naha tieghu ai termini tal-artikolu 24 tal-istess Kap baghat lill-Intrapriza appeellanti Avviz ta' informazzjoni biex tghaddi nformazzjoni li ghandha x'taqsam mal-applikazzjoni, fi ftit kliem, kopja tar-rapport rikjest mit-Times of Malta sabiex huwa qua Kummissarju jkun jista' jikkunsidra t-talba tal-istess Times of Malta liema talba l-appellanti qed jirrifjuta u ntavola l-appell odjern.*

*Jigi rilevat li l-Intrapriza appellanti baqghet anke fin-nota ta' sottomisjonijiet tishaq fuq l-kunfidenzjalita' marbuta biha taht il-Kap. 325 u 463 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-Kummissarju mhux ezentat taht il-Kap. 325 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Fix-xhieda tieghu Mario Galea Kap Ezekuttiv tal-Intrapriza appellanti xehed li l-kuntratti kienu gew konkluzi wara sejha ghall-offerti u lil Jacob Borg kien irreferih ghal dawn id-dokumenti tali kuntratt jirreferu ghall-*

*investiment fl-isptarijiet. Li Borg ghamel complaint to the Public Authority izda t-talba regghet giet michuda u wara li gie nfurmat b'dan huwa ghamel talba lill-Kummissarju appellat.*

*Il-Kummissarju min-naha l-ohra jinsisti fin-nota ta' sottomisjonijiet tieghu li din il-kunfidenzjalita ma tapplikax ghaliex stante li l-artikolu 21 (6) (b) tal-Kap. 463 jordna lill-istess Intrapriza appellanti taghtih access liberu stante li huwa awtorita' li ghandha jedd tircievi dan il-memorandum of understaning stante li t-talba tieghu qed issir fil-qadi tal-funjonijiet tieghu u ghalhekk dan ghandu skont hu jipprevali fuq il-kunfidenzjalita'.*

*Ikkonsidra ulerjorment*

*Illi l-appellanti taqa' taht it-tifsira ta' 'Awtorita' Pubblika' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 496;*

*Illi l-artikolu 5 tal-istess Kap jistabilixxi li dan il-kap ma japplikax ghal dokumenti li huma mizmumin minn socjeta' kummercjali li fiha l-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra ghandhom interess li jaghtihom kontroll, safejn id-dokumenti nkwistjoni ghandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet kummercjali tas-socjeta' kummercjali (Art (1) (f) Kap 496).*

*L-istess artikolu 5 sub-artikolu 3 izda jaghmilha cara u jghid testwalment hekk:*

*Art 5 (3): Dan l-Att m'ghandux japplika ghal dokumenti safejn tali dokumenti jkun fihom –*

*(a) data personali suggetta ghall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data;*
*jew*
*(b) informazzjoni li l-izvelar taghha hu pprojbit minn xi ligi ohra.*

*Ra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-Kap 325 tal-Ligijiet ta' Malta, li taghmilha cara fl-artikolu 33 (1) (b) li l-appellanti huwa projbit anke li jizvela tali nformazzjoi quddiem xi qorti, tribunal, bord, kumitat ta' inkjesta jew awtorita' ohra jew li jizvela lil xi qorti, tribunal, Bord, kumitat jew xi awtorita' ohra, xi materja jew haga li ssir taf biha jew li tkun fil-pussess taghha fil-qadi ta' dmirijietha taht dan l-Att.*

*Ra l-artikolu 21 tal-istess Kap li jorbot l-ufficjali tal-istess Intrapriza apellanti bil-kunfidenzjalita.*

*Ra li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 (6) (b) tal-Kap 463 dwar li l-Kummissarju ghandu dritt jitlob din l-informazzjoni bhala parti mill-qadi tal-funzjonijiet tieghu, ma tezistix dispozizzjoni simili fil-Kap 325 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Promozzjomi tan-Negozji z-Zghar.*

*Ra li l-Kummissarju naqas li jiggustifika ghaliex il-Kap 325 ma japplikax fil-kaz in kwistjoni u ghandu japplika biss id-disposizzjoni tal-artikolu 21 (6) (b) tal-Kap 463 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ra li l-memorandum of understanding min-natura tieghu ma ghandux n-natura ta' kuntratt li tali memorandum of understanding illum gie*

*sostitwit b'kuntratt liema kuntratt huwa accessibbli ghal min qed jaghmel it-talba.*

*Dan it-Tribunal jaghmel dawn l-osservazzjonijiet kif maghmula minn Information Tribunal tar-Renju Unit u cioe:*

*Only information that is in fact confidential in nature or which could prejudice a commercial interest if released can be withheld under these provisions. However, it is an established fact that once a tender is awarded information from the successful tenderer loses confidentiality in respect of price and type of quantity of goods supplied subject to exceptions; that other confidential information provided by the successful tenderer might well retain its confidentiality; that unsuccessful tender information retains its confidential.*

*The information contained in a contract between a public authority and a third party represents the conclusion of negotiations between the two parties and as such is jointly created rather than being obtained by the public authority for the contractor and is not confidential information. Nevertheless depending on the circumstances of the case there can be elements of a contract or agreement for example technical information set out in a schedule as well as records of precontractual negotiations which the public authority has obtained from the third party and so may qualify as confidential information (vide* ***Derry Citi Council v Information Commissioner*** *(EA/2006/0014; 11 December 2006).*

*Veru li f'dan l-att ma jirrizultax li saret sejha ghall-offerti izda veru wkoll li l-kuntratt sar u huwa l-kuntratt li jitlef in-natura tal-kunfidenzjalita' u huwa dak li jorbot il-partijiet u li ghalhekk l-memorandum of understanding rikjest ma ghadux aktar validu bejn il-partijiet.*

Konsegwentement it-Tribunal ghadda ghad-decizjoni favur ir-rikorrenti llum appellata kif gia suespost.

4) Illi s-socjeta' Allied Newspapers Limited u Jacob Borg appellanti ressqu aggravju wiehed fejn in succint qajmu l-punti segwenti:

a) Illi din il-Qorti ghandha tikkunsidra l-appell fl-ispirtu tal-ligijiet involuti fil-kaz w'ghalhekk l-appellanti jidhlu f'analizi tal-ligijiet in kwistjoni fl-appell taghhom;

b) Illi l-emfazi hija fuq id-dritt ghall-informazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni (Kap. 496) u l-essenzjalita' tieghu ghal-Liberta tal-Espressjoni tal-istampa. L-appellanti jsostnu li l-istampa ghandha tinghata s-sostenn kollu mil-ligijiet tal-pajjiz u mill-amministrazzjoni tal-pajjiz sabiex tkun tista' taghmel xoghlha fl-interess pubbliku bhala l-'public watchdog'. F'dan ir-rigward l-appellanti jishqu li l-mertu tal-appell odjern huwa ftehim bejn entita' pubblika u entitajiet privati ghall-immaniggjar tal-isptarijiet pubblici Maltin b'dana li ma hemm l-ebda dubju dwar l-interess pubbliku anke in vista li l-privatizzazzjoni ta' whud mill-isptarjiet f'Malta skont l-appellanti qajmet kontroversji shah.

c) Illi fuq in-naha l-ohra hemm id-disposizzjonijiet legali li jissalvagwardjaw is-segretezza professjonali ta' dawn il-haddiema pubblici li fil-qadi ta' dmirijiethom jistghu jigu f'kuntatt ma' dokumenti ta' natura kunfidenzjali u li ghalhekk huma projbiti milli jiddisseminaw dan it-taghrif kunfidenzjali li jkunu kisbu. Skont l-appellanti l-Intrapriza appellata qeghdha tipprova tghawweg il-ligi kif trid hi biex bl-iskuza taghha sahansitra tirrifjuta li tghaddi l-informazzjoni mitluba lill-Kummissarju sabiex dan jaghmel l-istharrig tieghu u jkun jista' jaghti decizjoni jekk finalment il-*memorandum of understanding* in kwistjoni ghandux jinghata lill-appellanti jew le. L-appellanti ma jaqblux mal-konkluzjoni tat-Tribunal li l-informazzjoni mitluba ma setghetx tigi mghoddija lanqas lill-Kummissarju u dan abbazi:

i) tal-principju kontenut fil-Kap. 496 Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni li kull persuna eligibbli ghandha dritt ta' access ghal dokumenti mizmumin minn awtoritajiet pubblici;

ii) il-limitazzjonijiet imposti fl-istess Kap. 496 ghandhom jigu nterpretati b'mod restrittiv stante li ghandhom l-effett li jnaqqsu d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni b'dana li skont l-appellanti, il-Kummissarju kien korrett fejn argumenta li kellu d-dritt li hu jiddeciedi ai termini tal-Kap. 496 id-dokument in kwistjoni hux ezentat jew le u huwa f'dan l-ispirtu li ghandu jigi nterpetetat l-artikolu 21 (6) tal-Kap. 463 li dejjem skont l-appellanti fis-sub-artikolu 6 (b) jipprovdi eccezzjoni ghall-kunfidenzjalita' f'kaz li l-

informazzjoni tintalab minn persuni jew awtoritajiet ohra li jkollhom il-jedd li jircievi dak it-taghrif taht id-disposizzjonijiet ohra tal-ligi fil-qadi tal-funzjonijiet taghhom. L-appellanti jsostnu li dan japplika fil-kaz odjern nonostante li l-Kap. 325 (Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji) ma jikkontjenix disposizzjoni simili.

c) l-appellanti jsostnu wkoll li l-artikolu 33 (1) (a) u (b) tal-Kap 325 Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji ghandu jinghata nterpretazzjoni fis-sens li mpjegat tal-Intrapriza ma jistax jigi mgieghel jixhed dwar x'ra b'ghajnejh jew sema' b'widnejh waqt il-qadi ta' dmirijietu ai termini ta' dak l-Att, izda ma ghandux ifisser li kull dokument fil-pussess tal-Intrapriza appellata, meta tkun qed taqdi l-funzjoni taghha ai termini tal-Kap. 325 tal-Ligijiet Malta, ghandu jibqa' mistur u ma jistax jintalab jew jinghata. L-appellanti jishqu wkoll li stante li l-Kap. 463 (Att dwar l-Intrapriza ta' Malta) gie promulgat wara l-Kap. 325 suespost allura dan ghandu jfisser li l-intenzjomi tal-legislatur biz-zieda tal-paragrafu 21 (6) tal-Kap. 463 kien li qed jiccara proprju dan il-fatt;

d) Apparti bosta gurisprudenza ohra li din il-Qorti hadet konjizzjoni taghha, l-appellanti jaghmlu referenza u jikkwotaw decizjoni tal-istess Tribunal li nghatat fl-istess data ta' dik appellata fejn skont l-appellanti, b'mod kontradittorju ghall-ahhar f'dik id-decizjoni (Roberto Ragonesi vs. Il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data) emfasizza ferm l-importanza tal-liberta' tal-espressjoni u kif din ghandha tirbah fuq is-segretezza tal-informazzjoni.

e) Finalment l-appellanti jsostnu li ghalihom mhux car kif it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-*memorandum of understanding* in kwistjoni ma ghadux in vigore ghaliex *superat* minn kuntratt meta skont l-appellanti ma kellux il-*memorandum of understanding* f'idejh sabiex jivverifika l-istess.

Ghar-ragunijiet esposti fl-appell l-appellanti talbu li din il-Qorti thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u tordna lill-appellata Intrapriza ta' Malta tghaddi l-informazzjoni mitluba lill-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data sabiex ikun jista' jkompli bl-istharrig tieghu.

5. Rat illi r-rikorrenti appellata fir-risposta taghha rrispondiet billi dahlet f'analizi tal-artikoli in kontestazzjoni u ghar-ragunijiet indikati minnha talbet li din il-Qorti tichad l-appell interpost:

a) Dwar l-artikolu 5(3)(b) tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap 496) l-appellata sostniet li s-subinciz (b) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jipprovdi li:

*"(3) Dan l-Att m'għandux japplika għal dokumenti safejn tali dokumenti jkun fihom . . .*
*(b) informazzjoni li l-iżvelar tagħha hu pprojbit minn xi liġi oħra;"*

Skont l-appellata huwa car illi l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jirrikonoxxi sitwazzjonijiet fejn l-ezistenza ta' ligijiet ohra li jipprojbixxu l-ghotja jew l-izvelar ta' informazzjoni partikolari, dan minghajr ma tigi mnaqqsa l-importanza tar-rwol tal-medja bhala pilastru fondamentali għad-demokrazija.

L-appellata ssostni li fl-aggravji taghhom l-appellanti naqsu milli jezaminaw kif id-drittijiet ta' access ghall-informazzjoni moghtija lil kull persuna eliġibbli skont il-Kap 496 huma izda limitati minn kunsiderazzjonijiet ohra fosthom ezigenzi ta' kunfidenzjalità. Skont l-istess appellata l-ghan tal-legizlatur fir-rigward tal-artikolu 5(3)(b) tal-Kap 496, kif marbuta mal-artiklu 33 tal-Kap. 325 Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozji, jippreludi l-izvelar ta' kull informazzjoni miksuba b'rizultat tal-hidma kollha taht il-kappa tal-Att 325;

b) Illi l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, Kap 325 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'**33.** *(1) Ħlief meta jkun meħtieg xort'oħra għall-finijiet ta' dan l-Att jew fil-kors ta' prosekuzzjoni għal xi reat imwettaq dwar dan l-Att, jew meta l-Prim Ministru jordna xort'oħra –*

*(a) kull persuna li jkollha dmir uffiċjali jew li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att għandha tqis u titratta kull dokument u informazzjoni dwar ħwejjeġ maħsubin fi jew li jsiru taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bħala li huma sigrieti u konfidenzjali u*

*għandha tagħmel u tissottoskrivi dikjarazzjoni bil-ġurament fuq il-formola preskritta għaldaqstant quddiem Kummissjunarju għall-Ġuramenti li għandha tiġi depożitata għand l-Avukat Ġenerali;*

*(b) ebda persuna bħal dik ma tkun meħtieġa li turi fi jew quddiem xi qorti, tribunal, Bord, kumitat ta' inkjesta jew awtorità oħra, jew li tisvela lil xi qorti, tribunal, Bord, kumitat jew xi awtorità oħra, xi materja jew ħaġa li ssir taf biha jew li tkun fil-pussess tagħha fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan l-Att.*

*(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), l-uditur tal-Korporazzjoni għandu jkollu s-setgħa jara kull record u dokument skont ma jkunlu meħtieġ fit-twettiq ta' dmirijietu."*

L-appellata tkompli ssostni b'referenza ghal dan l-artikolu li l-appellanti fl-aggravji taghhom ma ressqu ebda argument sabiex jispjegaw b'liema mod it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data applika zbaljatament il-ligi stante li l-interpretazzjoni tal-istess artikolu 33 skont l-appellata huwa wiehed inekwivoku, jew kif seta' jinterpretaha b'xi mod iehor meta l-ligi tghid b'mod inekwivoku li Intrapriza ta' Malta ghandha d-dover li zomm kunfidenzjali kull informazzjoni illi tigi f'idejha b'rizultat tal-qadi tad-dmirijietha skont l-istess Att.

c) Illi l-appellanti ssostni in oltre li d-disposizzjonijiet ta' ligijiet specjali bhalma huwa l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozji (Kap.325) ghandha tipprevali fuq id-disposizzjonijiet tal-ligijiet

generali nkluz il-Kap. 496 Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni u l-Kap. 463 Att dwar l-Intrarpiza ta' Malta fejn fl-interpretazzjoni ta' ligijiet ghandha tapplika d-duttrina *lex specialis derogat generalis* b'referenza wkoll ghall-artikolu 38 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji li jaqra kif isegwi:

*'**38.** Kull persuna li, ħlief kif provdut jew permess taħt dan l-Att jew għall-finijiet tiegħu, tikkomunika jew tittenta tikkomunika lil xi persuna oħra xi materja jew ħaġa oħra li tkun ġiet għall-attenzjoni tagħha jew li kienet fil-pussess tagħha fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan l-Att, tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja teħel multa ta' mhux anqas minn €465.87 u mhux iżjed minn €4,658.75, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

d) Illi dwar l-Artikolu 21 tal-Att dwar L-Intrapriża ta' Malta l-appellata taghmel referenza ghas-sub-artikoli li jsegwu:

*'21. (4) Bla ħsara għal kif jista' jkun xort'oħra meħtieġ jew permess għall-finijiet ta' dan l-Att, jew waqt il-prosekuzzjoni ta' reat magħmul fir-rigward ta' dan l-Att, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, il-Korporazzjoni u l-persuni tagħha jkunu marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Segretezza Professjonali u ma għandhom jikxfu l-ebda tagħrif dwar xi applikant jew xi benefiċċji mogħtija lil xi applikant mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub ta' dak l-applikant jew kif xort'oħra permess bil-liġi.*

*(5) Kull min ikollu dmir uffiċjali jew waqt li jkun involut fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att għandu jqis u jittratta d-dokumenti u*

*tagħrif kollha li għandhom x'jaqsmu ma' aspetti kkontemplati minn jew li joħorġu mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala sigrieti u kunfidenzjali u għandu jagħmel u jiffirma quddiem Kummissjonarju b'setgħa li jagħti ġurament dikjarazzjoni f'dan is-sens fil-forma preskritta li għandha tiġi depożitata għand l-Avukat Ġenerali. Dawk il-persuni ma jkunux, sakemm il-Prim Ministru ma jordnax xort'oħra bil-miktub, meħtieġa li juru lil jew quddiem xi qorti, tribunal, bord, kumitat ta' inkjesta jew awtorità oħra, jew li jiżvelaw lil dik il-qorti, Tribunal, bord, kumitat ta' inkjesta jew awtorità oħra xi aspett jew ħaġa li huma jsiru jafu biha jew li tkun fil-pussess tagħhom fil-qadi ta' dmirijiethom taħt dan l-Att.*

*(6) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tfixkel lill-Korporazzjoni jew il-persuna tagħha minn:*
*(a) li jagħtu aċċess liberu lill-uditur tal-Korporazzjoni għat-tagħrif kollu li hu meħtieġ biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu;*
*(b) li jagħtu aċċess liberu lil dawk il-persuni jew awtoritajiet oħra li jkollhom jedd jirċevu dak it-tagħrif taħt dispożizzjonijiet ta' liġi li tapplika fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom;*
*(ċ) li jipprovdu nformazzjoni sħiħa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income;*
*(d) it-tnedija u l-pubblikazzjoni ta' rapporti u reviżjonijiet statistiċi li jkollhom tagħrif dwar benefiċċji mogħtija lill-applikanti u benefiċċjarji ta' benefiċċji li ma jikxfux ismijiet speċifiċi jew tagħrif ieħor speċifiku li jwasslu għall-identifikazzjoni tal-applikanti ndividwali.'*

L-appellata ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellanti li l-fatt li t-test tal-Artikolu 21(6) tal-Kap. 463 mhux rifless fll-Artikolu 33 tal-

Kap 325 ma jfisser xejn u mat-tezi tal-appellanti illi la darba l-Kap 463 gie promulgat wara l-Kap 325 allura l-intenzjoni tal-legislatur biz-zieda tal-paragrafu 21(6) tal-Kap 463 kien li jiccara proprju dan il-fatt. Tinsisti li din l-interpretazzjoni ma ghandhiex mir-realta' u ma tirrizulta minn imkien illi l-interpretazzjoni ta' artikoli f'ligijiet distinti u diversi, li jirregolaw materji distinti u diversi, ghandhom allura jinghataw interpretazzjoni xort'ohra minn dik cara fil-ligi specifika għaliex skont l-appellanti t-test taghhom huwa kwazi jdentiku. Anzi l-appellata ssostni li l-legislatur tant hass il-htiega ghall-gradi diversi ta' kunfidenzjalità skont il-materja, illi fir-rigward tal-Kap 463 hass illi ma kienx hemm raguni għalfejn il-kunfidenzjalità kellha tkun assoluta fil-konfront ta' awtoritajiet illi ghandhom il-jedd li jirrikjedu nformazzjoni fil-qadi ta' dmirijiethom taht xi liġi partikolari u għalhekk fil-Kap 463 gie ntrodott is-subinciz 6 in kwistjoni.

Illi fuq l-istess linja ta' ragunament l-appellata ssostni fir-risposta taghha illi r-raguni ghalfejn il-legizlatur hass illi r-rabta tal-kunfidenzjalita' taht il-Kap. 325 kellha tkun wahda assoluta, skont l-appellata dan huwa ovvju u marbut mal-fatt illi l-Kap 325 Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji gie promulgat biex ihajjar it-twaqqif ta' negozji godda u t-tkabbir ta' negozji ezistenti permezz tal-incentivi speċifikati taht din il-ligi u jghaddi sabiex jelenka l-istess w'ghalhekk kull informazzjoni u dokument illi jirrizulta wara l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-istess Att huma milquta b'kunfidenzjalita' assoluta ai termini tal-artikolu 33.

l-Awtorita' appellata min-naha l-ohra dwar il-Kap 463 Att dwar l-Intrapriza ta' Malta ssostni li dan huwa ntiz sabiex iwaqqaf korporazzjoni, jistabbilixxi l-funzjonijiet u s-setghat taghha biex tippromwovi l-intrapriza, biex jipprovdi ghall-izvilupp ta' skemi, incentivi u forom ohra ta' appogg, minghajr izda ma' l-att innifsu jelenka tali ncentivi jew assistenza illi tista' tinghata ghal-kuntrarju ta' dak dispost fil-Kap. 325. Skont l-appellata huwa ghal din ir-raguni li r-rabta ta' kunfidenzjalita' fil-Kap. 463 hija nqas minn dik mitluba taht il-Kap. 325 ghaliex taht il-Kap 463 ma jista' qatt ikun hemm informazzjoni ta' natura kummercjalment sensittiva bhalma jsehh taht il-Kap. 325. L-appellata tipprosegwi billi temfasizza n-natura sensittiva tal-informazzjoni li tingabar fil-prekors ta' xoghol taht il-Kap. 325 miz-zmien tat-tnedija tal-progett sal-attwar tieghu u li sabiex dan jigi ncentivat investitur ghandu jkollu serhan ta' mohh dwar l-informazzjoni moghtija u li tkun kummercjalment sensittiva fosthom diskussjonijiet dwar incentivi partikolari u pakketti t'appogg specifici li skont l-appellata jekk jigu zvelati jistghu jkunu ta' hsara ghall-izvilupp tal-ekonomija u tal-investiment fil-pajjiz. L-appellanti zzid li m'hemmx dubju li l-informazzjoni mitluba mill-appellanti taqa' taht il-kappa tal-Kap. 325 u mhux il-Kap. 463 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

7. Rat ix-xhieda, dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-kaz.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi din il-Qorti wara li rat l-atti kollha u l-ligijiet kollha applikabbli ghall-kaz odjern tasal ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet segwenti:

i) Illi ma hemmx dubju li f'cirkustanzi normali fejn ma jkun hemm l-ebda eskluzjoni specifika fil-ligi l-Kummissarju appellat kellu kull jedd fil-ligi li jitlob li dokumentazzjoni mizmuma minn Awtorita' pubblika jghaddi ghandu sabiex ikun hu fid-diskrezzjoni li taghtih il-ligi li jiddeciedi finalment dan ghandux jghaddi ghand l-appellanti odjerni jew le;

ii) Illi wkoll ma hemmx dubju illi kieku d-dokument in kwistjoni kellu jkun kunsidrat li kjarament jaqa' taht il-mansjonijiet tal-Intrapriza appellata kif stabbilita' ai termini tal-Kap. 463 Att dwar l-Intrapriza ta' Malta u mhux taht il-Kap. 325 Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, l-artikolu 21 (6) (b) kontenut fl-istess kap ikkwotat aktar 'il fuq u li jaqra li l-ebda haga ma ghandha tfixkel lill-Korporazzjoni jew il-persuna taghha milli jaghtu access liberu lil dawk il-persuni jew awtoritajiet ohra li jkollhom jedd jircievu dak it-taghrif taht disposizzjonijiet ta' ligi li tapplika fil-qadi tal-funzjonjiet taghhom kien jobbliga lill-Awtorita' sabiex tghaddi d-dokument. Evidentement izda in vista tan-natura kummercjali tieghu d-dokument ma jaqax taht il-parametri tal-Kap. 463 izda taht il-parametri tal-Kap. 325.

iii) Illi dak li mhux qed jaqblu fuq l-partijiet fil-kaz odjern huwa jekk l-introduzzjoni ta' dan l-artikolu 21 (6) (b) fil-Kap. 463 Att dwar l-Intrapriza ta' Malta li gie promulgat wara l-Kap. 325 Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji ghandux igib fix-xejn il-provvedimenti ezistenti fil-Kap. 325 fosthom l-artikolu 33 (1) (a) u (b) gia kwotati aktar 'il fuq li jipprovdu ghal segretezza u kunfidenzjalita' assoluta anki fil-Qrati (li huma l-oghla stituzzjoni gudizzjarja tal-pajjiz) jekk mhux bil-permess specifiku tal-Prim Ministru jew altrimenti fil-prosekuzzjoni ta' xi reat.

Illi l-argument tal-appellanti fl-appell taghhom huwa li l-intenzjoni tal-legislatur bil-promulgazzjoni tal-artikolu 21 (6) (b) kienet li jiccara li fil-kaz ta' kazijiet bhal dak odjern cioe' li l-informazzjoni tigi mitluba mill-Kummissarju tad-Data abbazi tal-liberta ta' nformazzjoi allura dik il-kunfidenzjalita' tispicca. Mhux tal-istess idea hija l-Intrapriza appellata li tinsisti li in vista tal-Kap. 325 il-mansjonijiet tal-Intrapriza huma ta' natura kummercjali sensittivi hafna ntizi sabiex jippromwovu l-investiment fil-Gzejjer Maltin u li jekk ma jkunx hemm is-serhan tal-mohh tal-investitur li nformazzjoni kummercjalment sensittiva ma tistax ssir pubblika allura dan l-investiment probbabilment ma jsehhx.

iv) Illi din il-Qorti rat li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal wara li gharbel l-artikoli tal-ligi kollha koncernati u wkoll ghamel referenza ghall-gurisprudenza barranija dwar in-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni kummercjali:

- ghazel li jimxi mal-istess gurisprudenza u qies li la darba kien hemm kuntratt li segwa l-*memorandum of understanding* mitlub, skont l-istess gurisprudenza, huwa l-kuntratt li jitlef in-natura tal-kunfidenzjalita' u huwa dak li jorbot il-partijiet ghaldaqstant 'il-*memorandum of understanding* rikjest ma ghadux aktar validu bejn il-partijiet' (l-ahhar pagna tad-decizjoni t-tielet paragrafu).

Minn qari akkurat ta' din il-parti tad-decide u tal-gurisprudenza kkwotata fejn jinghad illi f'certu kazijiet huwa permissibbli li 'pre-contractual negotiation' tista' tigi meqjusa bhala kunfidenzjali din il-Qorti ma tistax ma taghtix ragun u taqbel mar-ragunament tat-Tribunal. Huwa car mill-guriprudenza li huwa l-kuntratt bejn il-partijiet li jitlef il-kunfidenzjalita' filwaqt li dak kollu li ppreceda l-attwar tal-investiment permezz tal-kuntratt jibqa' munit u protett taht il-kappa tal-kunfidenzjalita'. Li ma kienx hekk allura l-investiment li l-Kap. 325 huwa ntiz li jippromwovi jigi serjament pregudikat minhabba t-theddida ta' svelar ta' nformazzjoni kummercjalment sensittiva li tkun ghaddiet bejn il-partijiet.

- wasal ukoll ghall-konkluzjoni li l-Kummissarju appellat quddiemu kien naqas milli jiggustifika ghaliex l-ezenzjoni kontenuta fil-Kap. 325 ma kellhiex tapplika fil-kaz odjern u naqas milli jaghti r-raguni ghalfejn kellu jkun biss l-artikolu 21 (6) (b) li japplika ghall-kaz odjern.

Din il-Qorti taqbel mar-ragunament tat-Tribunal. Minn imkien fl-atti wisq anqas fl-aggravji tal-appellanti ma tirrizulta raguni valida fil-ligi li jisthoqqilha l-konferma minn din il-Qorti ghalfejn ir-restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalita' assoluta kontenuti fil-Kap. 325 Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji ghandhom legalment jigu kkunsidrati bhala jigu fix-xejn semplicement ghaliex sussegwentement gie promulgat l-artikolu 21 (6) (b) f'kap iehor tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Kap. 463 Att dwar l-Intrapriza ta' Malta meta jirrizulta li dak li jirregola l-Kap. 325 u dak li jirregola l-Kap. 463 huma materji kompletament diversi fejn tal-ewwel jirregola specifikatament il-'Promozzjoni ta' Negozji' u jipprovdi specifikatament kif dan ghandu jsir filwaqt li tal-ahhar jistabilixxi l-Intrapriza per se. Din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellanti li la darba l-Kap. 463 gie promulgat wara allura dan ghandu jipprevali ghaliex allura bl-istess ragunament tal-appellanti, li kieku l-legislatur ried li b'dak is-sub-artikolu jgib fix-xejn il-kunfidenzjalita' assoluta stabbilita fil-Kap. 325 kien jaqbad u jaghmel hekk u mhux ihalliha fis-sehh minghajr ebda emenda. Illi f'dan il-kuntest il-Qorti b'referenza ghall-aggravji tal-appellanti tqis li mihijiex l-Intrapriza li qed tipprova tghawweg il-ligi izda huma effettivament l-appellanti.

v) Illi huwa wkoll car lil din il-Qorti li kieku kellha taqbel mar-ragunament tal-Kummissarju appellat u tordna li l-*memorandum of understanding* in kwistjoni jigi mghoddi biss ghandu (u mhux lill-appellanti odjerni) minghand kwalunkwe ufficjal tal-Intrapriza hija tkun qed tordna agir li kjarament fit-termini tal-artikolu 33 tal-Att

dwar il-Promozzjoni tan-Negozju huwa legalment ipprojbit hija tkun qed tordna effettivament li l-persuna li tghaddi tali nformazzjoni tikkometti reat u tesponiha ghall-proceduri kriminali fil-konfront taghha. Dan huwa aktar assodat meta wiehed jaghmel referenza ghall-fatt illi fejn fl-istess Kap cioe fil-Kap. 325 il-legislatur ried idahhal eccezzjoni ghal din il-projbizzjoni fil-fatt ghamilha (ara l-eccezzjoni favur l-uditur tal-Korporazzjoni fil-qadi ta' dmirijietu u f'kaz ta' prosekuzzjoni ghal xi reat).

vi) Illi l-Qorti wkoll ma tarax il-bazi tal-ilment tal-appellanti kontra dik il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal fejn iddikjara li l-memorandum of understanding rikjest ma ghadux aktar validu bejn il-partijiet u dan stante li r-ragunament tat-Tribunal huwa legalment ovvju in vista li l-ftehim bejn il-partijiet gie segwit permezz ta' kuntratt li l-kontenut tieghu llum huwa ta' dominju pubbliku.

9. Illi finalment din il-Qorti in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha taghha suesposti u wkoll wara li rat il-ligijiet applikabbli u l-atti kollha tal-kaz tasal ghall-konkluzjoni li kieku l-legislatur ried li l-obbligu tal-kunfidenzjalita' fil-Kap. 325 tal-Ligijiet ta' Malta jkun anqas ristrett minn dak li evidentement hu fl-istess ligi allura kien jaghmel dan billi meta gie promulgat l-Att 463 tal-Ligjiet ta' Malta jemenda wkoll l-artikoli appoziti fil-Kap. 325 izda dan ma ghamlux. Din il-Qorti tqis fil-kaz odjern, li in vista tan-natura kummercjali sensittiva tad-dokument li l-appellanti qed jitolbu, liema dokument

kien jifforma parti minn diskussjonijiet u negozjati kummercjalment sensittivi bejn il-partijiet qabel ma sar il-kuntratt bejniethom (fejn dan ta' l-ahhar llum huwa accessibli u miftuh ghall-iskrutinju tal-medja u l-pubbliku in generali u huwa dak li jorbot il-partijeit), l-Intrapriza appellata kienet korretta li tirrifjuta li tghaddi dan id-dokument lill-Kummissarju stante li hija prekluza milli taghmel dan bil-ligi.

10. Illi f'dan il-kaz din il-Qorti ma tqisx li l-appellanti flimkien mal-Kummissarju appellat irnexxielhom iressqu argumentazzjoni legali li tissodisfa lil din il-Qorti li d-Dritt ghall-Informazzjoni u l-Liberta tal-Espressjoni tal-Istampa ghandhom jipprevalu fuq il-projbizzjoni assoluta tad-diffuzjoni tal-informazzjoni kif mposta fl-artikolu 33 tal-Kap. 325 Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji.

Ghaldaqstant stante li din il-Qorti tqis li l-aggravji tal-appellanti ma ghandhomx bazi fil-ligi w'ghahekk mhumiex gustifikati, ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha sueposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tichad l-aggravji tal-appellanti, tichad l-appell u tikkonferma s-**

**sentenza tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fl-ismijiet premessi datata 26 ta' April, 2018.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**